**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAĠISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-10 ta' Lulju 2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Alex Galea**

# DIGRIET

Il-Qorti,

Rat it-talba tal-parti offiza Shazen Mamo fis-seduta tal-lum sabiex dawn il-proceduri kontra l-imputat jieqfu

Semghet ix-xhieda ta' Shazen Mamo fis-seduta tal-lum

Semghet it-trattazzjon tal-partijiet

Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri

Ikkunsidrat

Il-Parti offiza u l-imputat ilhom f'relazzjoni ghal erba' snin u ghandhom tifel komuni ta' sebgha (7) xhur. Dan huwa l-ewwel rapport li hija ghamlet mal-Pulizija fil-konfront tal-imputat.

Fix-xhieda taghha llum il-parti offiza qalet li r-relazzjoni taghha mal-imputat intemmet u mit-trattazzjoni orali jidher li diga hemm ftehim bejn il-partijiet ghal separazzjoni bonarja

Fix-xhieda taghha hija qalet ukoll li tixtieq twaqqaf dawn il-proceduri ghax l-imputat huwa missier it-tifel taghha u hi ghadha thobb lill-imputat. Hija insistiet ukoll, fuq diversi domandi ta' din il-Qorti li d-decizjoni taghha li tahfer lill-imputat u li dawn il-proceduri jieqfu kienet wahda volontarja. Waqt ix-xhieda taghha hija kienet assistita mill-avukat taghha u mix-xhieda taghha  jidher li d-decizjoni taghha hija wahda ferma.

Ma setghetx issir l-ebda inkjesta ingenere fuq l-allegazzjonijiet tal-parti offiza u l-prosekuzzjoni tal-kaz tistrieh fuq ix-xhieda taghha biss.

Tenut kont tan-natura tal-imputazzjonijiet, il-mod kif xehdet il-parti offiza, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li x-xewqa tal-parti offiza ghandha tigi rispettata.

Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda ai termini tal-Artikolu 543(e) u (f) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li dawn il-proceduri kontra l-imputat ma jitkomplewx u tiddikjara l-procediment ezawrit

Il-Qorti tordna li l-Avukat Generali jinghata access bil-mezzi elettronici ta' kopja skenjata ta' dan l-inkartament fiz-zmien moghti skond il-ligi

**Dr Marse-Ann Farrugia LL.D.**
**Maġistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**